

Brussell, 7 ta' Novembru 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0375(COD)

14152/24
ADD 1

CODEC 1885
CONSOM 296
MI 841
JUSTCIV 165
DIGIT 204
COMPET 995

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/2394 u (UE) 2018/1724 fir-rigward tal-waqfien tal-Pjattaforma Ewropea għas-Soluzzjoni Online għat-Tilwim
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/2394 u (UE) 2018/1724 fir-rigward tal-waqfien tal-Pjattaforma Ewropea tal-ODR¹.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġislattiva ordinarja).
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2024².
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni fis-sessjoni plenarja tat-13 ta' Marzu 2024 u bagħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill.
5. Fil-25 ta' Settembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil politiku⁴ li ma ssir l-ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, soġġetta għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
6. Fil-5 ta' Novembru 2024, il-President tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) tal-Parlament Ewropew bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova t-test tal-proposta tal-Kummissjoni mingħajr bidliet fl-ewwel qari, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi fit-tieni qari tiegħu.
7. Skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 294 TFUE, jekk il-Kunsill ma japprovax il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Parlament Ewropew. Skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 294 TFUE, il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bir-raġunijiet li wassluh sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

¹ Id-dokument 14451/23.

² Id-dokument 6964/24.

³ Id-dokument 10617/24.

⁴ Id-dokument 13402/24.

II. OBJETTIV

8. Ir-Regolament għandu l-għan li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 524/2013, u b'hekk iwaqqaf il-pjattaforma tal-ODR u jneħħi l-obbligi marbuta magħha. Dan il-livell ta' prestazzjoni ma jiġġustifikax il-kostijiet tal-pjattaforma ODR imġarrba mill-Kummissjoni biex iżżomm l-għodda, u lanqas il-kost imġarrab mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u min-negozji online biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament dwar l-ODR.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

9. Il-Kunsill jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni u, konsegwentement, mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari dwar is-sustanza. Madankollu, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha t-test bir-reviżjonijiet meħtieġa mill-ġuristi lingwisti. Ma tagħmel l-ebda emenda sostanzjali għat-test iżda tfittex li tiċċara l-lingwaġġ tiegħu għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

IV. KONKLUŻJONIJIET

10. Dwar is-sustanza, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ma temendax il-proposta tal-Kummissjoni u, konsegwentement, hija konformi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkludi biss bidliet li jirriżultaw mir-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti. Għaldaqstant għandha tippermetti lill-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi fit-tieni qari tiegħu.
-